Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ħamis, 6 ta' Lulju, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a Decree of the 6th July, 2023, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Mario Gafà on the 3rd July, 2023, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €2000 following judicial sale by auction 6/2023 in the names Mario Gafà (ID 513856M) vs Noel Gafà (ID 480981M) held under the Authority of the said Court on the 28th June 2023.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 6th July 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1423

ARB/C025/2023 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo, LLD). Kumpilazzjoni Numru 3738/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Cremona)

Kontra

OSMAN BADWY K/A OSMAN BADAWI, diżokkupat, ta' 27 sena, iben Badawi Osman u l-mejta Naiwa xebba Osman, imwieled is-Sudan fis-17 ta' Jannar, 1996, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur tan-numru tal-Pulizija 19JJ-040 u/jew ta' dokument ta' identifikazzjoni Malti bin-numru 9003350A.

ORDNAT s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' OSMAN BADWY K/A OSMAN BADAWI u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 23A (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 5 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 7 ta' Lulju, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C025/2023 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 2nd June, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Caroline Farrugia Frendo, LLD). Compilation Number 3738/2023, in the case:

The Police
(Inspector Mark Cremona)

Versus

OSMAN BADWY K/A OSMAN BADAWI, unemployed, 27 years, son of Badawi Osman and the late Naiwa née Osman, born in Sudan on the 17th January, 1996, without a fixed address in Malta and holder of Police number 19JJ-040 and/or Maltese identification document bearing number 9003350A.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to OSMAN BADWY K/A OSMAN BADAWI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta as made applicable by Article 23A (2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A and Article 5 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 7th July, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1424

KANĊELLAZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Mejju, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th May, 2023 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of

Struttorja (il-Maġistrat Dott. Joseph Mifsud, LLD) wara rikors ippreżentat minn Roderick Azzopardi fl-24 ta' Mejju, 2023, u insegwitu tas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti (il-Maġistrat Dott. Joseph Mifsud, LLD) fil-5 ta' Ottubru, 2021. Kumpilazzjoni Numru 432/2016, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Chantelle Casha)

Kontra

RODERICK AZZOPARDI, ta' 39 sena, iben Ignatius Azzopardi u Rita Azzopardi xebba Spiteri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-9 ta' Jannar, 1984, bl-aħħar indirizz reġistrat magħruf bħala 32, Triq Xintill, Ħal Tarxien, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 81284M.

Il-Qorti TORDNA L-KANĊELLAZJONI tal-ordni tal-iffriżar tal-assi kollha tal-imsemmi RODERICK AZZOPARDI, liema ordni ġiet mogħtija permezz ta' digriet datat 15 ta' Novembru, 2016, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja preseduta mill-Maġistrat Dott. Neville Camilleri, LLD, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-22 ta' Novembru, 2016.

Din in-notifika qed tiġi ppubblikata ai termini tal-Artikolu 22A (6) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 7 ta' Lulju, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Criminal Inquiry (Magistrate Dr Joseph Mifsud LLD) after an application filed by Roderick Azzopardi on the 24th May, 2023, and following the judgement given by the same Court (Magistrate Dr Joseph Mifsud, LLD) on the 5th October, 2021. Compilation Number 432/2016, in the case in the names:

The Police
(Inspector Chantelle Casha)

Versus

RODERICK AZZOPARDI, 39 years, son of Ignatius Azzopardi and Rita Azzopardi née Spiteri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 9th January, 1984, with the last known registered address of 32, Triq Xintill, Ħal Tarxien, and holder of Maltese identity card bearing number 81284M.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order of all the assets of RODERICK AZZOPARDI, which order was given through the decree dated 15th November, 2016, by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry presided by Magistrate Dr Neville Camilleri, LLD, which was duly published in the Government Gazette on the 22nd November, 2016.

This notice is being published in terms of Article 22A (6) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Today 7th July, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1425

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-14 ta' Ġunju, 2023, u dan wara Rikors b'numru 528/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ ta' Aseel Khaled R Bouzanen li jġib in-numru 829/2022 biex il-kunjom ta' Aseel Khaled R Bouzanen u ta' missierha kull fejn jidhru, jiġi reġistrat bħala 'Bouzanen' minnflok 'Bou Zanen'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2023

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 14th June, 2023, and upon an application numbered 528/2023, ordered:

The Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Marriage of Aseel Khaled R Bouzanen bearing the number 829/2022 so that the surname of Aseel Khaled R Bouzanen and her father, wherever it appears, is registered as 'Bouzanen' and not 'Bou Zanen'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 15th June 2023

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1426

B'digriet tas-6 ta' Lulju, 2023, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Brian Cutajar fl-4 ta' Lulju, 2023, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €2500 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 5/2023 fl-ismijiet Brian Cutajar (KI 227379M) pro noe vs Peter Caruana (KI 444780M) et miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 2023.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a Decree of the 6th July, 2023, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Brian Cutajar on the 4th July, 2023, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €2500 following judicial sale by auction 5/2023 in the names Brian Cutajar (ID 227379M) pro noe vs Peter Caruana (ID 444780M) et held under the Authority of the said Court on the 28th June, 2023.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Friday, 7th July, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1427

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-15 ta' Ġunju, 2022, fuq talba ta' Christina Louisa Bruno et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Joseph Zammit, Inez Zammit u terzi fl-atti taċ-ċedola numru 1108/2022 fl-ismijiet Christina Louisa Bruno et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu ta' ċens numru 1108/2022 ta' Christina Louisa Bruno (KI 40787M), child carer , Francesca Bruno (KI 531079M) u Roberto Bruno (KI 501881M) direttur, tfal ta' Dott. Giovanni Bruno u d-decujus Anne Bruno Bartolo (KI 440551M) née Bartolo legalment separata minn Dott. Giovanni Bruno, imweldin San Ġiljan, Tal-Pietà u Tal-Pietà rispettivament u detenturi

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 15th June, 2022, following a request by Christina Louisa Bruno et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown heirs of Joseph Zammit, Inez Zammit and other third parties in the acts of the schedule of deposit number 1108/2022 in the names Christina Louisa Bruno et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit of ground rent number 1108/2022 in the names of Christina Louisa Bruno (ID 40787M), child carer, Francesca Bruno (ID 531079M) and Roberto Bruno (ID 501881M) director, children of Doctor Giovanni Bruno and the decujus Anne Bruno Bartolo (ID 440551M) née Bartolo legally seperated from Doctor Giovanni Bruno, born in St Julian's, Tal-Pietà and Tal-Pietà

tal-karti tal-identità numri 531079M, 40787M, u 501881M, imweldin nhar il-21 ta' Settembru 1979, is-27 ta' Diċembru 1986, u l-4 ta' Awwissu 1981, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Joseph Zammit, kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Inez Zammit u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil terzi, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-13 ta' Ġunju, 2022, fejn Christina Louisa Bruno, Francesca Bruno u Roberto Bruno esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Ġunju, 1994, fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon (Dok. A) ta' Loan and Sale d-decujus Ann Bruno Bartolo akkwistat l-proprjetà ġewwa s-Swieqi, San Ġiljan, enumerata numru 2 Penmel Court, Triq il-Qasam, Is-Swieqi, mingħand l-Arkitett Engineer Alexandar Cutajar, iben Joseph u Adelina née Ciantar, imwieled Ħ'Attard u martu Jacqueline Cutajar, wild Frank Vella u Maria Dolores née Bonnello imwielda Ħ'Attard u residenti s-Swieqi li għandhom karta tal-identità numerata 326763M u 431766M rispettivament;

Illi di piu skont l-imsemmi kuntratt il-vendituri a fol 3 tal-istess 'hereby sell and trasfer to the purchaser who accepts, purchases and requires the Flat number two (2) forming part of a block of two (2) flats which have a common and as yet unnumbered entrance named Penmel Court, Triq il-Qasam already named Swieqi Road, Swieqi, limits of St Julian's (sometimes indicated as being within the limits of Birkirkara) overlying flat number one (1) property of third parties, having in common with the other flat in this block the entrance, stairs and roof and drains also included in this sale is the washroom which is also indicated with the number two (2) and both block and flat are bounded on the northeast by the said street, on the northeast by the said street, on the northeast by the said street on the northwest by property of the family Deguara and on the southeast by Saint Anthony Flats, as subject to the annual and perpetual groundrent of Lm16.19 payable as follows:

Lm7.66 to the Curia of Malta;
Lm4.27 to the family of Joseph Zammit
Lm2.13 to Inez Mifsud;
Lm2.13 is payable to third parties;

Tale quale with all its rights and appurtenances included in the price of this sale are all the kitchen units and the cooker which movable effects are being sold tale quale.'

Illi għal kull bon fini qed jiġi ddikjarat illi ċ-ċens dovut lill-Kurja ta' Malta ġie versat nhar it-22 ta' Marzu, 2022 (Dokument hawn anness u mmarkata bħala Dok. B);

Illi flimkien ma' din iċ-ċedola qed tiġi annessa d-dikjarazzjoni causa mortis datata 6 ta' Lulju, 2021, (Dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. C).

respectively and holding identity card numbers 531079M, 40787M, and 501881M, born on the 21st September 1979, 27th December 1986, and 4th August 1981, vs Deputy Curators to represent the heirs of Joseph Zammit, deputy curators to represent the heirs of Inez Zammit and deputy curators to represent third parties, filed in the First Hall of the Civil Court on the 13th June, 2022, whereby the applicants Christina Louisa Bruno, Francesca Bruno and Roberto Bruno respectfully submitted:

That by means of a loan and sale contract dated 21st June, 1994, in the records of Notary Joseph Henry Saydon (Doc. A) the decujus Ann Bruno Bartolo acquired the property in Swieqi, St Julian's, numbered 2 Penmel Court, Triq il-Qasam, Swieqi, from Architect Engineer Alexandar Cutajar, son of Joseph and Adelina née Ciantar, born in Ħ'Attard and his wife Jacqueline Cutajar, child of Frank Vella and Maria Dolores née Bonnello born in Ħ'Attard and residing in Swieqi holding identity card number 326763M and 431766M respectively;

That furthermore according to the said contract the vendors a fol 3 of the same 'hereby sell and transfer to the purchaser who accepts, purchases and requires the Flat number two (2) forming part of a block of two (2) flats which have a common and yet unnumbered entrance named Penmel Court, Triq il-Qasam already named Swieqi Road, Swieqi, limits of St Julian's (sometimes indicated as being within the limits of Birkirkara) overlying flat number one (1) property of third parties, having in common with the other flat in this block the entrance, stairs and roof and drains also included in this sale is the washroom that is also indicated with the number two (2) and both block and flat are bounded on the northeast by the said street, on the northeast by the said Street, on the northeast by the said street on the northwest by property of the family Deguara and on the southeast by Saint Anthony Flats, subject to the annual and perpetual groundrent of Lm16.19 payable as follows:

Lm7.66 to the Curia of Malta;
Lm4.27 to the family of Joseph Zammit
Lm2.13 to Inez Mifsud;
Lm2.13 is payable to third parties;

Tale Quale with all its rights and appurtenances included in the price of this sale are for the kitchen units and the cooker which movable effects are sold quale.'

That for all intents and purposes it is being declared that the groundrent due to the Curia of Malta was paid on the 22nd March, 2022 (document hereby attached and marked as Doc. B);

That together with this schedule of deposit there is attached the declaration causa mortis dated 6th July, 2021, (document hereby attached and marked as Doc. C).

Għaldaqstant, l-esponenti qed tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed tiddepożita:

1. Lm2.13 konvertiti għal ewro jiġi €4.96 dovuti lil ċerta Inez Mifsud, debitament rappreżentata minn kuraturi deputati li mis-sena 1994 sal-lum l-ammont ta' depożitu jammonta għal €138.33;

2. Lm2.13 konvertiti għal ewro jiġu €4.96 dovuti lil terzi debitament rappreżentanti minn kuraturi deputati li mis-sena 1994 sal-ġurnata tal-lum l-ammont ta' depożitu jammonta għal €138.33;

3. Lm4.27 konvertiti għal ewro jiġu €9.94 dovuti lill-familja ta' ċertu Joseph Zammit rappreżentanti minn kuraturi deputati li mis-sena 1994 sal-ġurnata tal-lum l-ammont ta' depożitu jammonta għal €278.32.

Sabiex jiġu liberament mogħtija lis-soċjetà intimata u dan wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: c/o 7, Triq il-Bażilika, Il-Mosta MST 1137
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 16 ta' Ġunju, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing:

1. Lm2.13 converted to euro shall be €4.96 due to a certain Inez Mifsud, duly represented by deputy curators that from the year 1994 till today the amount of deposit amounts to €138.33;

2. Lm2.13 converted into euro shall be €4.96 due to third parties duly represented by deputy curators that from the year 1994 till today, the amount of deposit amounts to €138.33;

3. Lm4.27 converted to euro shall be €9.94 due to the family of certain Joseph Zammit represented by deputy curators that from the year 1994 till today the amount of deposit amounts to €278.32.

To be freely given to the respondent company and this after leaving the due receipt according to law.

Applicants: c/o 7, Triq il-Bażilika, Mosta MST 1137
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Today 15th June, 2022

Registry of the Superior Courts, today 7th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1428

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim Awla fid-9 ta' Frar, 2023, fuq rikors ta' Alfaran Trailers Maintenance & Logistics Services Limited (C31341), ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, l-1 ta' Awwissu, 2023, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra

By decree given by the Civil Courts, First Hall on the 9th February, 2023, on the application of Alfaran Trailers Maintenance & Logistics Services Limited (C31341), Tuesday, 1st August, 2023, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held

Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-proprjetà li tikkonsisti minn porzjon diviż ta' arja sitwata fil-livell propost ta' groundfloor level, bi gross floor area ta' ċirka 97.50mk, b'aċċess dirett minn Triq Qrejten, f'Tal-Pietà u sitwat minflok parti mis-sit qabel okkupat mid-dar uffiċjalment numru ħamsa u sebgħin (75) u kienet iġġib l-isem ta' Ġesù Redentur, fl-imsemmija Triq, f'liema arja se jiġu kostruwiti maisonette u garaxx skont il-permess PA/06672/21, esklużа l-arja ta' fuq il-maisonette propost, liema arja tmiss mat-triq pubblika mid-direzzoni tal-Punent Majjistru, libera u franka u stmata li tiswa disgħin elf ewro (€90,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 2/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 6 ta' Lulju, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The property which consists of a divided portion of air, situated in the proposed groundfloor level, with a gross floor area of circa 97.50sqm, with direct access from Triq Qrejten, in Tal-Pietà, and is instead situated in part by the site previously occupied from the tenement officially numbered seventy five (75) and which was named Ġesù Redentur, in the said street, which air will be developed into a maisonette and garage according to the permit PA/06672/21, excluding the airspace above the proposed maisonette, which air is bounded with a public road from the west north-west direction, free and unencumbered and is valued at ninety thousand euro (€90,000).

The said tenement is the property of Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 2/2023.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 6th July, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1429

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-Medjazzjoni fl-ismijiet Ruth Camilleri vs Stephen Borg, numrru 200/2023, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Stephen Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Ruth Camilleri (KI 31575M) vs Stephen Borg (KI 506470M) fl-atti tal-Medjazzjoni numru 200/2023, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' April, 2023, ir-rikorrenti Ruth Camilleri (KI 31575M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tafda l-kura u kustodja legali tal-minuri … omissis … f'idejn ir-rikorrenti;

2. Tiffissa retta aliminentarja relattivament għall-manteniment tal-minuri … omissis … ta' €550, liema manteniment għandu jikkomprendi inter alia kontribuzzjoni lejn spejjeż għall-akkomodazzjoni, ikel, saħħa, edukazzjoni kurrikulari u ekstrakurrikulari, ilbies, trasport u spejjeż mediċi u tkun rivedibbli minn żmien għal żmien tenut kont tal-iżvilupp u trobbija tal-istess minuri;

By means of a decree of the 19th June, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of Mediation in the names Ruth Camilleri vs Stephen Borg, number 200/2023, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Stephen Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Sworn Application in the acts of the Mediation number 200/2023 in the names Ruth Camilleri (KI 31575M) vs Stephen Borg (ID 506470M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 3rd April, 2023, the applicant Ruth Camilleri (ID 31575M) requested this Honourable Court to:

1. Entrust the care and legal custody of the minor … omissis … in the with the applicant;

2. Fix the maintenance payable for the maintenance of minors … omissis … of €550, which maintenance should include, amongst others, a contribution towards accommodation costs, food, health, curricular and extra curricular education, clothing, transport and medical expenses and be reviewable from time to time keeping an account of the development and upbringing of the same minor;

3. Tikkundanna lill-istess intimat iħallas dik is-somma hekk stabbilita kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-istess minuri … omissis …;

4. Tordna illi l-imemmi manteniment jogħla kull sena skont l-indiċi tal-ogħli tal-ħajja magħruf mill-awtoritajiet kompetenti;

5. Tordna illi l-manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat b'dan illi l-employer tal-intimat għandu jiġi ordnat jesegwixxi din l-ordni u jibgħat ċekk direttament lill-esponenti;

6. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tapplika u ġġedded il-passaport tal-minuri … omissis … mingħajr awtorizzazzjoni tal-intimat;

7. Tordna illi fl-eventwalità li l-intimat jitlob għall-aċċess dan għandu jiġi stabbilit wara rapport li jkun imħejji minn psikologu ingaġġat minn din l-Onorabbli Qorti;

8. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tapplika sabiex il-minuri … omissis … tkun tista' tibda tattendi l-iskola kemm fi stat primarju kif ukoll fi stat sekondarju u dan mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-intimat;

9. Tawotirzza lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tapplika sabiex il-minuri … omissis … tkun tista' tibda tattendi skola sajf u/jew Club 3-16 mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-intimat.

U dan skont dawk il-provvedimenti kollha li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportni.

Qorti (Sezzjoni tal-Familja), L-Onor. Imħallef Abigial Lofaro, LLD, Stud. Rel. Mag./ Jur. (Eur. Law)

Ittra numru 200/2023

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tat-3 ta' April, 2023,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 4 ta' April, 2023

Rikorrenti: 62, Metropolitan Complex, Block F, Flat 8, Triq Dun Frans Camilleri, Il-Ħamrun

Intimat: 15, Sqaq Ħas-Sajjied, Numru 2, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 7 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Order the same respondent to pay that sum thus established every four weeks as maintenance for the same minor … omissis …;

4. Order that the alimony be increased every year according to the index of the cost of living known by the competent authorities;

5. Order that the agreed maintenance be deducted directly from the respondent's salary and direct the employer of the respondent to execute this order and send a cheque directly to the applicant;

6. Authorise the applicant so that she can apply and renew the minor's passport … omissis … without authorisation from the respondent;

7. Order that in the event that the respondent requests access, this should be determined after a report prepared by a psychologist engaged by this Honourable Court;

8. Authorise the applicant so that she can apply so that the minor … omissis … can start attending school both in primary School and in a secondary school and this without the authorisation of the respondent;

9. Authorise the applicant so that she can apply so that the minor … omissis … can start attending summer school and/ or Club 3-16 without the authorisation of the respondent.

And this according to all those provisions that the Court deems fit and opportune.

Civil Court (Family Section), the Honourable Madame Justice Abigail Lofaro, LLD, Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)

Mediation number 200/2023

The Court,

Having seen the application dated 3rd April, 2023,

Orders the notification to the counter-party with five (5) working days within which to submit a reply.

Today 4th April, 2023

Applicant: 62, Metropolitan Complex, Block F, Flat 8, Triq Dun Frans Camilleri, Ħamrun

respondent: 15, Sqaq Ħas-Sajjied, Numru 2, Birkirkara

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 7th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1430

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fit-28 ta' Ġunju, 2023, fuq talba ta' Anthony Mangion ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Mariem Haddaji, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 357/2023AGV, fl-ismijiet Anthony Mangion vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet Anthony Mangion (KI 140264M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Mariem Haddaji, fejn ir-rikorrenti Anthony Mangion talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partjiet sabiex huwa jirreġistra l-istess.

U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq u opportun.

Rikorrenti: Anthony Mangion, Anna, 201, Triq l-Orsolini, Gwardamanġa, Tal-Pietà

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 28th June, 2023, following a request of Anthony Mangion it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Mariem Haddaji, in the records of the Sworn Application 357/2023AGV, in the names Anthony Mangion vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court (Family Section), in the names Anthony Mangion (ID 140264M) vs Deputy Curators to represent the absentee Mariem Haddaji, on the 23rd June, 2023, the applicant Anthony Mangion requested this Honourable Court so that it:

1. To pronounce the dissolution of the marriage between the parties in terms of Article 66B of Cap. 16 of the Laws of Malta;

2. Orders the Registrar of Courts so that within the period stipulated by this Honourable Court , he informs the Director Public Registry with the dissolution of marriage of the parties, so that the same will be registered.

And this under those provision that this Court deems fit and opportune.

Applicant: Anthony Mangion – Anna 201, Triq l-Orsolini, Gwardamanġa, Tal-Pietà

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela LLD, Doctor of Laws.

Illum 30 ta' Ġunju, 2023

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 7 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 30th June, 2023

Registry of the Civil Court (Family Section), today 7th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1431

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-13 ta' Ġunju, 2023, fuq talba ta' Jacqueline Metrovich ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Nicholas Willem Van Niekerk, fl-atti tar-Rikors Ġenerali 331/2023AL, fl-ismijiet Jacqueline Metrovich vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġenerali, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-13 ta' Ġunju 2023, fl-ismijiet Jacqueline Metrovich vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-assenti Nicholaas Willem Van Niekerk detentur tal-kart tal-identità tal-Afrika ta' Isfel numru 7303275097088, fejn ir-rikorrenti Jacqueline Metrovich talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza l-ħruġ tal-passaport tal-minuri … omissis … u dan mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-missier u dan skont dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;

2. Tawtorizza t-tiġdid tal-passaport tal-istess minuri … omissis … u meta dan l-istess passaport jiskadi;

Rikorrenti: c/o 204/3, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sseġġaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 13th June, 2023, following a request of Jacqueline Metrovich it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Nicholas Willem Van Niekerk, in the records of the General Application 331/2023AL, in the names Jacqueline Metrovich vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a General Application, filed in the Civil Court (Family Section), in the names Jacqueline Metrovich vs Deputy Curators to represent the interest of the absentee Nicholaas Willem Van Niekerk holding South African identity card number 7303275097088, on the 13th June 2023, the applicant Jacqueline Metrovich requested this Honourable Court so that it:

1. Authorise the issuance of the minor's … omissis … passport without the need to acquire the father's signature and this in accordance with the application of provisions this court deems fit;

2. Authorise the renewal of the passaport of the minor … omissis … when the same passport expires;

Applicant: c/o 204/3, Triq l-Ifran, Valletta

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Ligi.

Illum 23 ta' Ġunju, 2023

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 7 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned,with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 23rd June, 2023

Registry of the Civil Court (Family Section), today 7th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1432

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru, 2022, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4415/2019 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Luciano Tabone, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil Luciano Tabone (KI 537057M) ta' Flat 2, Triq l-Istiratur, Blokk G-3, Il-Mosta, fit-8 ta' Novembru, 2019, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Dipartiment tat-Taxxi Interni, Il-Furjana, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €142,906 kwantu għal €41,465 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009, 2010, 2011, 2012, 2013, 2014, 2015, 2016 u 2017 u kwantu għal €101,441 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-Avviż/Talba għall-Ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq ċitat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa ser jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 7 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 1st December, 2022, given by the First Hall of the Civil Courts, in the records of the judicial letter number 4415/2019, in the names Commissioner of Revenue vs Luciano Tabone, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Luciano Tabone (ID 537057M) of Flat 2, Triql-Istiratur, Blokk G-3, Mosta, on the 8th November, 2019, Commissioner of Revenue of Department of Inland Revenue, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €142,906 as for the amount of €41,465 representing the tax from the income and provisional tax for the years of assessment 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009, 2010, 2011, 2012, 2013, 2014, 2015, 2016 and 2017 and as for €101,441 as additional tax and interest according to the Notice/Demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

As you failed to pay the amount due the interpellant notwithstanding the request for payment (see the same Doc. A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time given he will proceed for the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Tax Administration.

Pay the costs of this act

Registry of the Superior Courts, today 7th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1433

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Mejju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 465/23, fl-ismijiet is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa vs Chiara Monzalaro, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree given on the 31st May, 2023, in the records of the judicial letter number 465/2023, in the names Permanent Secretary in the Ministry for Health vs Chiara Monzalaro, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service on the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Chiara Monzalaro (KI 133801A) ta' 11, Joe, Flat 1, Triq Emanuel Galizia, Ta' Xbiex XBX 1471, fid-9 ta' Frar, 2023, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa ta' 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa minn din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €3,087.01 rappreżentanti overpayment magħmul mill-Isptar Mater Dei. Kull pagament għandu jiġi indirizzat lil: Cashier Malta Government, Ministry for Health, u mibgħut/meħud fid-Dipartment tal-Finanzi fl-Isptar Mater Dei.

